*Ħaż-Żebbug - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**LAQGĦA - AĠENDA NUMRU 12– 12 ta' Frar 2025**

***Minuti tat-tnax-il laqgħa tal-Kunsill tad-disa' Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar il-12 ta' Frar 2025 fis-6:30pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' l-Kunsill Lokali fis-sitta u nofs ta' filgħaxija sabiex tkun diskussa Aġenda Numru 12. Il-laqgħa bdiet fis-6:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Steve Zammit Lupi** | Sindku |
| | **Joseph Agius** | Viċi-Sindku |
| | **Lilibeth Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Paul Baldacchino** | Kunsillier |
| | **Mario Attard** | Kunsillier |
| | **Paul Mazzola** | Kunsillier |
| | **Aryton Mizzi** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| | **Philip Scicluna** | Kunsillier |

| | |
|---|---|
| **Assenti b'Apoloġija** | **Ħadd** |
| **Assenti :** | **Ħadd** |
| **Pubbliku:** | **Ħadd** |

**Uffiċjal preżenti:** **Paula M. Valletta** Segretarju Eżekuttiv

12.1 Ħatra tal-Kunsillier Philip Scicluna

Preżenti għal-laqgħa kien preżenti n-Nutar Malcolm Licari sabiex jingħata l-ġurament lil Philip Scicluna. Hekk sar u għaldaqstant Philip Scicluna inħatar Kunsillier.

Ingħatat merħba lill-Kunsillier Philip Scicluna fejn dan ingħata il-kariga ta' kunsillier u ingħata r-responsabbilita tal-għaqdiet filwaqt li jagħti l-għajnuna lill-Kunsillier Baldacchino dwar sports.

Wara inqrat ittra ta' ringrazzjament mingħand il-familja Grech wara l-mewt tal-ex Kunsillier Godwin Grech.

12.2 Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti inqraw. Is-Sindku Steve Zammit Lupi ppropona li l-minuti jkunu approvati filwaqt li l-Kunsillier Dr. Mazzola ssekonda l-mozzjoni.

Il-minuti ġew approvati unanimament.

12.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku Steve Zammit informal ill-Kunsill li:

a. Waħda mill-applikazzjonijiet għal Vjal Kulħadd, dwar tisbiħ fi Triq Guliermu Lorenzi ġiet aċċettata. Diġa sar meeting ma' Infrastructure Malta dwar kif se jsir dan il-proġett. Ser issir ukoll laqgħa mar residenti fis-6 ta' Marzu sabiex jingħataw aktar tagħrif.
b. Qed isiru attivitajiet għall-anzjani barra minn Ħaż-Żebbuġ. Saret waħda fis-7 ta Frar u se ssir oħra fis-7 ta' Marzu. Hemm il-ħsieb ukoll li tiġi organizzata ġurnata Sqallija.
c. Ix-xogħlijiet mill-Enemalta fil-pjazza issa huma lesti.
d. Dwar bus shelters, sar meeting ma' Faces li dawn għandhom ftehim mal-AKL, li fejn hemm rotot tat-Trasport Pubbliku qed isiru bus shelters ġodda. Ħaż-Żebbuġ intitolat għal-bus shelter wieħed ġdid. Il-Perit għandu jlesti s-survey biex teħel din il-bus shelter. Jistgħu dejjem isiru temporanji dejjem jekk jingħata l-permess bil-miktub.
e. Dwar il-junctions tal-Kandlora, il-Kunsill qed jistenna l-approvazzjoni mingħand TM
f. Saret clean-up f'Wied Qirda mill-istudenti tal-iskola St. Dorothy.
g. Dwar l-impjegat il-ġdid li qed jagħmel ix-xogħol ta' ġardinar, intqal li qed isir xogħol tajjeb ħafna u li qed juża t-trasport tiegħu u anke l-għodda tiegħu. Għaldaqstant is-Sindku Steve Zammit Lupi ppropona li l-impjegat Carmelino Pace jingħata Eur100 fix-xahar bħala kumpens għal fuel, u Eur80 bħala kumpens għall-użu tal-għodda tiegħu. Huwa kien sekondat mill-Kunsilliera Dr. Elizabeth Zammit Lupi. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

12.4 Tismija ta' Toroq

Is-Sindku Steve Zammit Lupi semma żewġ toroq li qegħdin bla isem jew inkella jeħtieġ li jinbidel l-isem. Dawn huma parti minn Triq San Ġużepp u triq mingħajr isem wara l-iskola tad-Dorotej. Dawn għandhom ikunu deċiżi f'laqgħa oħra.

Ġie maqbul unanimament li parti minn Triq il-Buskett fl-akwati tal-Gianpula tiġi msemmija għall-Monsinjur Victor Grech fuq proposta tas-Sindku Steve Zammit Lupi sekondata mill-Viċi Sindku Joseph Agius.

12.5 Xogħol minn Public Works

Is-Sindku Steve Zammit Lupi qal li:

a. Dwar il-latrina l-antika intqal li diġà tkisser is-saqaf u x-xogħol miexi sew.
b. Ġnien l-Indipendenza għaddej r-ritmu tax-xogħol ukoll.
c. Id-dawl ta' Bieb de Rohan wasal u għandu jiġi nstallat.

12.6 Bankini

Saret diskussjoni bl-intervent tal-Perit Mannie Galea fi stadju ta' Kumitat, fejn imbagħad waqt il-laqgħa ġie fformalizzat li l' quddiem jinħareġ tender li jkopri tiswija ta' bankini. L-ewwel grupp ta' bankini ser isiru mill-Public Works sakemm jippermetti l-budget li hemm allokat għal Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ. Kien hemm qbil li jinħareġ dan it-tender aktar 'il quddiem.

12.7 Statwa ta' Santa Marija

Ġie maqbul li l-ħadid li nqala minn Triq Sciortino jitweħħel madwar l-istatwa ta' Santa Marija u fil-ponta tas-Central Strip ssir toqba sabiex jitweħħel arblu li se tkun proprjeta tal-Kunsill.

12.8 Ġimgħa Mqaddsa 2025

Kien hemm qbil li Ħamis ix-Xirka u l-Ġimgħa l-Kbira Misraħ San Filep u parti minn Triq Sciortino jsiru pedonali.

12.9 Kampanja Ambjent

Kien deċiż li dan il-punt ikun diskuss darb'oħra.

12.10 Aġġornament

Il-laqgħa kienet aġġornata sine die. Din il-laqgħa spiċċat fid-9:15pm.

**Steve Zammit Lupi**

**Sindku**

**Paula M. Valletta**

**Segretarju Eżekuttiv**